MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 334/2009

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Av. Renzo Porsella Flores u P.L. Luisa Tufigno maħtura b'dikriet tat-28 ta' Lulju 2009 kuraturi deputati biex jidhru għas-soċjetà *JNM Trading Limited*; u Av. Martin Fenech u P.L. Victor Bugeja maħtura b'dikriet tat-28 ta' Lulju 2009 kuraturi deputati biex jidhru għall-assenti Raymond u Anne miżżewġin Pizzuto**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob li s-soċjetà konvenuta troddilha s-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin elf u disgħa u sebgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€175,079.97) – flimkien mal-imgħaxijiet relativi mill-31 ta' Jannar 2009 sa meta jsir il-ħlas – lilha mislufa f'*overdraft accounts* bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet miftiehma bis-saħħa ta' kuntratt tat-18 t'Awissu 2000 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja; it-talba saret ukoll kontra l-konvenuti

miżżewġin Pizzuto li bis-saħħa tal-istess kuntratt intrabtu bħala garanti *in solidum* mas-soċjetà biex jagħmlu tajjeb għad-dejn.
L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk tal-ittri uffiċjali tal-1 ta' Ottubru 2003.
Il-kuraturi maħtura biex jidhru għall-konvenuti wieġbu li ma jafux il-fatti tal-każ.
Il-ftehim bejn il-partijiet igħid illi "*the bank shall be entitled at any time to call upon the customer and/or the sureties to settle the customer's indebtedness to the bank and to pay the balance due in the customer's current account*".
Ix-xiehda mressqa mill-bank turi illi l-konvenuti, għalkemm imsejħa, ma ħallsux, u għalhekk illum huma marbuta li jroddu l-bilanċ kollu dovut.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi (1) tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u tgħid illi l-konvenuti huma marbuta li jroddu l-bilanċ kollu minnhom dovut u (2) tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi s-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin elf u disgħa u sebgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€175,079.97) flimkien mal-imgħaxijiet relativi mill-31 ta' Jannar 2009 sa meta jsir il-ħlas. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu wkoll l-ispejjeż mitluba fir-rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------